

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' l-oppożizzjoni Nru B 002 181 272 tar-rikorrenti u tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 438 074 ta' NIL; sussidjarment, tiddikjara li r-rikorrenti pproduċiet prova tal-użu ġenwin tat-trade marks Komunitarji tagħha Nru 5 208 418 u Nru 5 208 201 għall-finijiet tal-oppożizzjoni Nru B 002 181 272, u tibgħat lura l-kawża lill-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI sabiex jiddeċiedi l-kwistjonijiet imqajma fir-rigward ta' kull waħda minn dawn it-trade marks taħt l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja; b'mod iktar sussidjarju, tibgħat lura l-kawża fl-intier tagħha lill-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tar-Regola 22(3) u (4) tar-Regolament Nru 2868/95;
  - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 – adp Gauselmann vs UASI (Juwel)****(Kawża T-31/16)**

(2016/C 106/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

**Rikorrenti:** adp Gauselmann GmbH (Espelkamp, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Koch Moreno, avukat)

**Konvenut:** L-Uffċċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "Juwel" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 426 888

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 2571/2014-1

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- La l-Artikolu 7(1)(b) u lanqas l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 ma huma applikabbli.
-